MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 697/2003

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom**
**u in rapprezentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance**
**Plc hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha**
**Keith Ciantar sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Keith**
**Ciantar u b'nota tat-23 ta' Mejju, 2003 GasanMamo**
**Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawza**

**Vs**

**Alfred Kenneth Camilleri**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li bih l-atturi talbu li l-konvenut ihallas Lm1,254.48c (elf, mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin u

tmienja w erbghin centezmu) rapprezentanti danni kkagunati f'incident tat-traffiku li sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.

Ra r-Risposta tal-konvenut li ddikjara li mhux responsabbli ghall-incident.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-konvenut qal li kien hiereg minn taht l-arkata tal-kazino meta l-vettura ta' Ciantar baqghet diehla fuq il-genb tal-lemin tal-vettura tal-konvenut. Ighid ukoll li mad-daqqa, l-vettura tal-konvenut mxiet fil-genb. Keith Ciantar ighid li kien qed fi Triq Dragonara lejn Triq il-Knisja meta ra l-vettura tal-konvenut nofsha 'l barra hierga mill-arkata tal-kazino. Prova jwaqqaf izda sar l-impatt.

Ra r-*Road Accident Report* fejn il-hsara fuq il-vettura tal-konvenut kienet fuq iz-zewg bibien tan-naha tax-xellug u l-*mudguard* u anke fuq il-bieba tal-lemin u l-*mudguard*.

Ra s-seduta tas-26 ta' Gunju, 2003 li fiha xehed Keith Ciantar fejn jikkonferma li qal fir-*Road Accident Report*. Ighid li meta ra l-vettura l-ewwel darba, kien bejn wiehed u iehor (26m) sitta u ghoxrin jew (27m) sebgha u ghoxrin metru 'l boghod minnha. Zied ukoll li ma jaqbilx ma' l-iskizz peress li l-vetturi ma kienux *parallel*. Jikkonferma li l-vettura tal-konvenut iccaqalqet ftit pero' ma gietx fil-pozizzjoni kif jidher fuq l-iskizz. Ciantar ighid illi kien ghaddej b'erbgha u sittin mil fis-siegha (46mph) u illi kien cert li ma kienx hemm karozzi quddiemu.

Ra x-xhieda ta' Geraldine Gouder, prodotta mis-socjeta' attrici fejn tghid li l-vettura tal-konvenut harget 'il barra iktar minn nofsha. Tikkonferma li taqbel ma' l-i*sketch*.

Ra s-seduta tas-26 ta' Gunju, 2003 li fiha xehed Daniel Cardona, prodott mis-socjeta' attrici, fejn ighid li hu stazzjonat l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan u jaf illi mill-arkata tal-kazino, karozzi ma jistghux johorgu izda jidhlu biss. Jiftakar ukoll illi kien hemm vetturi gejjin mill-faccata u ghalhekk Ciantar ma setax jevita l-incident. Cardona

ma jaqbilx totalment ma' l-i*sketch* ghaliex il-vettura tal-konvenut ma gietx tmiss mal-hajt u n-naha ta' wara tan-naha tax-xellug kienet ghadha taht l-arkata.

Ra x-xhieda tal-konvenut Alfred Keith Camilleri fejn ighid li hareg bizzejjed minn taht l-arkata biex ikollu vizwali ghal fuq in-naha tal-lemin tieghu. Camilleri jghid li minn Triq Dragonara kienu ghaddejjin il-vetturi fejn f'hin minnhom tfaccat il-karozza ta' Ciantar u gara l-incident. Il-konvenut jaqbel ma' l-i*sketch*. Ighid ukoll li Ciantar kien gej bi speed qawwi.

Ra x-xhieda ta' Carmen Camilleri, prodotta mill-konvenut, fejn tikkonferma li qal Alfred Keith Camilleri.

Ra x-xhieda ta' PS 500 John Giusti li jghid li mill-arkata 'l gewwa tal-kazino hija *private road*. Jigifieri suppost mal-fetha tal-kazino jkun hemm *security* u d-direzzjoni tat-traffiku tinbidel skond il-htigijiet tal-kazino.

M'hemmx dubju li l-konvenut li kien qed johrog fuq il-*main road* kellu l-obbligu li jieqaf u qabel ma johrog jassigura li seta' jaghmel hekk minghajr ma jostakola l-vetturi fil-*main road*. (Ara **Attard Vs Zammit PA 16/4/1993, Bianchi Vs Patinott PA 18/5/1995 u Fogg Vs Vella (Appell 2141/95**).

Fil-kawza **Fogg Vs Vella** (ibid) gie ddikjarat li d-driver li hiereg fuq il-*main road* ma jistax juza bhala skuza li dak fuq il-*main road* kien "wrong side" jew "ghan-nofs it-triq".

Illi l-konvenut ssottometta li huwa hareg kif suppost biex jara x'hemm u li l-incident gara minhabba l-i*speed* ta' l-attur, izda t-Tribunal irid jara ghaliex gara l-incident.

Illi fil-kawza **Mallia Vs Azzopardi PA 27/2/1990** gie ddikjarat li "fil-kollizjonijiet dak li huwa mportanti biex tigi stabbilita r-responsabbilta' ghad-danni huma l-fatturi rilevanti u determinanti ghall-habta u mhux id-diversi mperfezzjonijiet fir-regolamentazzjoni tas-sewqan da parti tas-sewwieqa li ma jkollhom ebda ncidenza fuq id-determinazzjoni tal-htija."

L-incident gara ghaliex il-konvenut hareg fuq il-*main road* minghajr ma ra x'kien hemm. Id-danni fil-vettura tal-konvenut juri li hareg iktar milli necessarju fil-*main road*. Meta tkellem mal-pulizija, ezatt qabel il-habta l-konvenut qal li "he was emerging". Ma qalx li waqaf (kif kellu jaghmel) u beda "inching out" sabiex jara x'hemm.

Id-danni ma gewx kontestati u jidhru ragunevoli.

Ghaldaqstant jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi l-ammont ta' Lm1,254.48c (elf, mitejn u erbgha u hamsin lira Maltin u tmienja w erbghin centezmu) bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-Ittra Ufficjali datata 28 t'Ottubru, 2002 kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------